MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 651/2002/1

**Joseph Zammit u Paul Zammit**

**v.**

**Duncan Galea u b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2002, is-socjeta` GasanMamo Insurance Agency (b'digriet tal-Qorti tal-11 ta' Jannar 2008, il-Qorti ordnat li titnehha l-kelma 'Agency' stante bdil f'isem il-kumpanija) Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera**

**CGU Insurance plc thalliet tintervjeni fil-kawza in statu et terminis u b'digriet tat-12 ta' Mejju 2015 is-socjeta` CGU Insurance plc giet estromessa mill-kawza stante li GasanMamo Insurance Limited assumiet l-assi u l-obbligi kollha f'Malta tal-istess socjeta`**

**Preliminari**

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Galea mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru 2011, li permezz tieghu qed jitlob lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza u dan billi tichad it-talbiet kollha attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

> "Il-Qorti:
>
> "Rat ic-citazzjoni ta' Joseph Zammit u Paul Zammit fejn dawn, wara li ppremettew illi:
>
> "Fl-10 ta' Marzu 2001 fi Triq ta' Buqana, ir-Rabat, waqt li l-attur Paul Zammit kien fil-vettura Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni AAD539, liema vettura hija proprjeta' tal-attur Joseph Zammit u dak il-hin misjuqa mill-konvenut Duncan Galea. Il-konvenut Duncan Galea tilef il-kontroll tal-vettura u kien involut f'incident tat-traffiku, liema incident gara meta l-vettura Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni AAD539 misjuqa mill-konvenut Duncan Galea u

proprjeta' ta' Joseph Zammit, harget mit-triq principali u baqghet niezla ghal go ghalqa u dan minhabba traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tat-traffiku da parti tal-istess konvenut Duncan Galea u bir-rizultat li l-vettura proprjeta' tal-attur Joseph Zammit u misjuqa minn Duncan Galea garrbet hsarat kbar u li l-attur Paul Zammit korra serjament;

"B'konsegwenza ta' dan l-istess incident, li ghalih kien unikament responsabbli l-konvenut, il-vettura Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni AAD539 garrbet hsarat kbar filwaqt li l-attur Paul Zammit sofra griehi ta' natura serja li jwasslu ghal debilita' permanenti u li ghalhekk u b'rizultat ta' dan l-incident huwa sofra danni attwali kif ukoll danni futuri 'lucrum cessans', dan kollu kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"L-istess konvenut u l-assikurazzjoni tieghu interpellati biex ihallsu d-danni sofferti mill-atturi baqghu inadempjenti u kellha ssir din il-kawza.

"Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiu li gara fl-10 ta' Marzu 2001 fi Triq ta' Buqana, Rabat, u ghad-danni konsegwenzjali kif ukoll danni personali li garrbu l-atturi bhala rizultat ta' dan l-incident;

"Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

"Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien mal-imghaxijiet legali.

"Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess atturi.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa permezz taghha illi:

"L-ewwel talba tal-atturi ghandha tigi respinta stante li l-incident de quo ma garax tort tal-konvenut, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"It-tieni talba tal-atturi ghandha tigi respinta ukoll stante illi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi.

"Konsegwentement, anke t-tielet talba ghandha tigi respinta stante li l-konvenut ma ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-atturi.

"Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu, fuq talba taghha stess, is-socjeta' Gasan Mamo Insurance Agency Limited thalliet tintervjeni fil-kawza.

"Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2003 li fiha nhatar Mr. Charles Grixti bhala perit mediku sabiex jirrelata dwar l-allegata dizabilita' permanenti tieghu.

"Rat ir-rapport tal-istess perit mediku.

"Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu 2004, f'liema seduta gew mahtura Mr. Anthony Bernard, Mr. Raymond Gatt u Mr. Ivan Esposito bhala periti perizjuri.

"Rat ir-rapport tal-istess periti perizjuri.

"Rat id-dokumenti esebiti.

"Rat il-verbali tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li nghatat quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

"Semghet xhieda ohra viva voce.

“Rat li, ghalkemm il-partijiet kollha fil-kawza nghataw il-fakulta’ li jipprezentaw sottomissjonijiet bil-miktub, kien biss il-konvenut li ghazel li juzufruwixxi minn din il-fakulta’.

“Rat l-atti kollha tal-kawza.

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

“Ikkunsidrat illi l-kawza odjerna hija rizultat ta’ incident awtomobilistiku li sar fl-10 ta’ Marzu 2001 fir-Rabat meta fil-karozza proprjeta’ tal-attur Joseph Zammit misjuqa mill-konvenut Galea kien riekeb l-attur l-iehor Paul Zammit li wegga’ fl-istess incident. Paul u Joseph Zammit qed jitolbu dikjarazzjoni li l-habta saret tort ta’ Duncan Galea u ghalhekk ghandu jhallas id-danni kawzati. Duncan Galea jilqa’ ghall-kawza billi jichad li kien jahti ghaliha kif ukoll billi jsostni li ma kienx hemm danni.

“Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-incident gara fl-10 ta’ Marzu 2001 f’xi s-saghtejn ta’ filghodu. L-attur Paul Zammit u l-konvenut Duncan Galea kienu marru flimkien fil-club “Tattingers” fir-Rabat wara x-xoghol. Sakemm damu hemm hadu xi xorb alkoholiku. Fil-fatt meta hargu, Paul Zammit, li kien mar bil-karozza ta’ missieru kien fis-sakra u ma setax isuq. Ghalhekk kien Duncan Galea li saq il-karozza, proprjeta’ ta’ missieru. Ftit wara li telqu mit-Tattingers, gara l-incident qrib Chadwick Lakes. Fl-incident ma kienx hemm karozzi ohra involuti, izda l-karozza spiccat waqghet ghal go ghalqa. Fl-incident Paul Zammit sofra griehi f’ghonqu, b’dizabilita’ permanenti. Il-karozza giet meqruda ghal kollox. Kontra Duncan Galea ttiehdu ukoll proceduri kriminali.

“Paul Zammit xehed hekk:

““*Dakinhar tal-10 ta’ Marzu 2001, jiena kont xoghol filghaxija u spiccajt ghall-habta tal-ghaxra ta’ bil-lejl. Wara x-xoghol mort id-dar u mbaghad pero’ ergajna hrigna bil-hsieb li jmorru it-Tattingers. Dan ovvjament kien fid-9 ta’ Marzu 2001 peress illi l-incident fil-fatt imbaghad sar l-ghada l-10 ta’ Marzu.*

*“Tlajna sat-Tattingers jiena kont f’karozza ma’ Duncan Galea li kienet qed tigi misjuqa minnu anzi kont jiena li kont qed insuq il-karozza pero’ fil-vettura konna jiena u hu biss. Ghandi nispjega illi l-konvenut Duncan Galea, dak iz-zmien kien jahdem mieghi fl-istess xoghol u meta spiccajna kif ghidt fl-ghaxra ta’ bil-lejl iddecidejna li mmorru t-Tattingers u morna fil-fatt hemmhekk flimkien. Morna bil-*

*karozza tieghi u soqt jiena. Domna hemmhekk qisu sas-saghtejn ta' filghodu. Jiena meta ahna hrigna mit-Tattingers hassejt ruhi li ma kontx fl-istat li kont kapaci nsuq u fil-fatt nista' nghid li kont fti jew wisq xurban u ghidt lil Duncan Galea illi jiena ma kontx fi stat li nsuq lura ghad-dar. Meta ghidt hekk lis-Sur Duncan Galea dana hadli c-cwievet tal-karozza mill-but li kelli fuq sidri, jigifieri mhux il-but tal-gnub imma l-but li jkolli ma sidri mal-faccata, gab zewgt ihbieb tieghu ohra li jien ma nafhomx, gabli l-karozza u tefghani fuq wara tal-karozza. fil-fatt dawn iz-zewgt ihbieb tieghu mbaghad qaghdu wiehed hdejja fuq wara u l-iehor quddiem hdejn Duncan Galea. U Dincan Galea saq il-karozza tieghi biex immorru lejn id-dar.*

*"Jiena lil Duncan Galea ma ridtux isuq u dan peress li hu kien fis-sakra bhali, kien fl-istess sitwazzjoni bhal tieghi. Jiena ghalija, lil Duncan Galea ghidtlu li noqoghdu hemm peress li t-tnejn li ahna ma konniex fi stat li nsuqu. Jiena ridt li noqoghdu hemmhekk sakemm inkunu f'pozizzjoni tajba li nkunu nistghu nsuqu pero' Duncan ma riedx. Ahna tlaqna mit-Tattingers direzzjoni tal-Mosta peress li xi hadd minn dawk il-hbieb ta' Duncan kien mill-Mosta.*

*"U ndunajt li sakemm, waqt li konna qed insuqu, konna diga' kwazi se nithawlu darbtejn qabel ma sar l-incident in kwistjoni. L-incident in kwistjoni mbagahd fil-fatt sehh fl-inhawi ta' Chadwick lakes. Jiena fil-karozza kif ghidt kont bil-qeghda wara u kont naqra mitluq. Kif sehh l-incident ma niftakarx. Li naf li mbaghad intlift minn sensija u stenbaht l-ghada ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu gewwa l-isptar."*

"Duncan Galea xehed hekk:

""*Waqt li konna t-Tattingers zfinna xi ftit u xrobna pero' kemm xrobna ma niftakarx. Jekk niftakar sew konna hadna birra. Kif ghidt ma niftakarx kemm hadt fliexken birra pero' nahseb li kienu xi tlieta. Qabel ma dhalna t-Tattingers konna ltqajna l-grupp kollu li konna ftehmna li mmorru hemmhekk barra l-Imdina. Xi hadd minn shabna kellu xi drinks u jiena hadt xi birra. Sakemm soqna mix-xoghol sal-Imdina ma waqafniex postijiet ohra. Il-karozza pparkjajnieha r-Rabat stess hdejn ir-Roman Villa. Il-vettura hallejnieha pparkjata hdejn ir-Roman Villa mbaghad imxejna sa hdejn l-Imdina fejn iltqajna' mal-grupp u nzilna t-Tattingers. 'Meta hrigna mit-Tattingers ahna morna dritt ghall-karozza peress li ma kellniex pjan li mmorru xi mkien iehor. Meta morna hdejn il-karozza, sid il-karozza, Paul Zammit kien jidher li ma kienx fi stat li jsuq il-karozza tieghu. Meta konna it-Tattingers, jiena ma qadtx il-hin kollu ma' Paul Zammit ghax kif ghidt konna grupp u mbaghad kulhadd jinfired ma' xi hbieb partikolari. Hemm pero' kien hemm mumenti meta Paul Zammit kien wahdu. Ahna konna hrigna mit-Tattingers peress li xi hadd li jahdem hemmhekk stess induna u ra lil Paul Zammit wahdu. Ra ukoll li huwa kien qed jirremetti u ghalhekk kien ovvju li ma kienx fi stat u din il-persuna avvicinatna u qaltilna li jkun ahjar jekk lil Paul Zammit nihduh minn hemm u nihduh lejn id-dar minhabba l-istat li kien. Fil-fatt imbaghad ghalhekk ahna hrignieh lil Paul Zammit mit-Tattingers. Konna jiena, certu Reuben Farrugia u certu Andrew li ghinuni biex jiena nohrog lil Paul*

*Zammit mit-Tattingers. Meta hrigna mit-Tattingers qghadna ftit on the side hdejn il-bankina peress li Paul Zammit ma felahx jimxi sakemm gie ftit f'tieghu. Paul Zammit imbaghad lili qalli li hu ma kienx jiflah isuq u qalli ahjar issuq int ghax jien ma niflahx insuq. Jiena hassejtni tajjeb u hassejtni li kont kapaci li nsuq il-vettura. Ghall-ewwel jiena, ma' Paul Zammit irrifjutajt li nsuq peress li l-vettura ma kinitx tieghi u anke ma kontx ippreparat li nsuq jiena. Paul Zammit baqa' jinsisti li hu ma setax isuq u baqa' jinsisti mieghi li jien kelli nsuq u fl-ahhar kelli naccetta. Thassartu u accettajt li nsuq u nwasslu sad-dar.*

*"Tlaqna mit-Tattingers, inzilna t-telgha tas-Saqqajja, imbaghad dorna mill-ewwel on the left it-triq li tiehu ghall-Mellieha jew Mosta. Bhala temp ma niftakarx x'kien, pero' zgur li ma kienx bnazzi u l-art kienet zgur bin-nida. Mistoqsi x'hin kien li tlaqna mit-Tattingers nghid li ma niftakarx. Kif kont qed insuq ahna konna f'dik ir-roundabout li taghti ghal Chadwick Lakes u hemmhekk kif ghafast il-brake biex inkun nista' ndur il-kisra hassejt il-karozza tiskidja. Jiena ma niftakarx b'liema speed kont ghaddej pero' kont qed insuq bi speed normali. Hemmhekk fil-kisra bil-fors triq issuq bil-mod pero' mistoqsi kemm hu normali ghalija ma nistax nghid ghax ma ghandhix idea. Ma niftakarx b'liema speed kont ghaddej sew. It-triq fiha pendil pero' ma kinitx ghan-nizla. Ma ghandix idea b'liema speed kont ghaddej pero' ma kontx qed insuq bi speed mghaggel. Seat belts ahna konna libsin. Meta rajt li l-karozza taghmel certu moviment ippruvajt innaqqas u ppruvajt nikkontrolla l-karozza u ppruvajt inwaqqafha l-karozza pero' ma rnexxilix. Imbaghad ma nafx x'gara, jiena intlift minn sensija u meta qomt sibt li l-karozza kienet go ghalqa isfel mit-triq. L-ghalqa hija taht it-triq u l-karozza spiccat f'dik l-ghalqa taht it-triq."*

"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, permezz ta' sentenza tat-30 ta' April 2003 sabet lil Duncan hati illi saq meta kien xurban, li involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq Paul Zammit u li involontarjament ikawza hsara ghad-dannu ta' Joseph Zammit. Gie kkundannat multa u gie skwalifikat milli jsuq ghal sitt xhur.

"F'dan l-isfond, il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi rnexxielhom jippruvaw illi l-htija tal-incident hija kollha tal-konvenut. Ghalkemm, kif inhu ben risaput, il-process civili huwa indipendenti minn dak kriminali, sentenza tal-Qorti kriminali tikkostitwixxi prova li ghandha titqies mill-Qorti Civili.

"Fil-kawza Carmelo Camilleri vs. Gejtu Cassar, deciza fl-1 ta' Dicembru 1955, inghad hekk:

""*Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili ghandhom isiru ex integro quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali; anke ex integro quddiem il-Qorti Kriminali; pero' xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendibilita' taghhom u tal-ahjar*

*amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformament ghar-regola relattiva ghall-provi, tista' tigi prodotta f'kawza civili, li tkun ghadha pendenti, kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza tal-Artikolu 627(e) tal-Kap. 12." F'dan is-sens hi l-gurisprudenza taghha (**Vol. VI P I p 143** u **Vol. XXVII P I p 617**).*

*"Naturalment il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi pero' hi prova importanti anke ghaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi logikament rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet (Artikolu 558 tal-Kapitolu 12);*

*"Difatti bhala proposizzjoni dottrinali rakkolta mil-**Laurent**, "si ritiene che il giudice civile puo' al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolte in procedimento penale" ("**Carmelo Xuereb et vs. Giovanni Micallef et**", Appell Civili, 26 ta' Novembru 1923)."*

"Fil-kaz in ezami dan jghodd b'mod partikolari peress illi l-Qorti f'dawk il-proceduri ghamlet apprezzament profond, kif jidher mis-sentenza esebita in atti a fol. 100 tac-cirkostanzi kollha tal-kaz li jwaslu ghas-sejba ta' responsabilita' unika tal-konvenut.

"<u>Dizabilita' permanenti</u>

"L-esperti medici li ezaminaw lil Paul Zammit kollha jaqblu li dan sofra dizabilita' permanenti kawza tal-incident awtomobilistiku de quo. L-espert inkarigat mill-assikurazzjoni iffissa l-percentwali bhala 12%; l-ewwel espert nominat mill-Qorti bhala 20%. Il-periti perizjuri mbaghad ikkostataw percentwali ta' 15%. Fic-cirkostanzi hija din tal-ahhar li qieghda taghmel taghha l-Qorti.

"<u>Danni ta' Joseph Zammit</u>

"Joseph Zammit sofra danni peress illi l-karozza tieghu inqerdet totalment. Tqieset mis-surveyor imqabbad mill-assikurazzjoni illi kienet "beyond economical repair". Il-valur taghha kien ta' Lm2500 (fol. 99). Hallas ukoll Lm13 ghas-survey report. Dawn l-ammonti ghandhom jithallsu bhala danni lil Joseph zammit.

"<u>Danni ta' Paul Zammit</u>

“Bhala damnum emergens, Paul Zammit gab prova li nefaq disgha u erbghin Lira viziti medici u tlett mija u tmintax-il Lira spejjez ta’ vjaggar tieghu u ta’ missieru ghal-Londra, fejn mar ghall-kura. Ir-ricevuti ta’ dawn l-ispejjez gew esebiti in atti.

“Lucrum cessans

“Fiz-zmien tal-incident, l-attur Paul Zammit kien jippercepixxi salarju ta’ Lm5546 fis-sena. Minhabba t-trapass taz-zmien, il-Qorti ser tqis fuq salarju ta’ Lm6000 fis-sena. Kellu 27 sena, u ghaldaqstant, il-Qorti ser taddotta multiplier ta’ hamsa u tletin, dan ukoll in vista tac-cirkostanzi dejjem prezenti li l-eta’ tal-irtirar ta’ bniedem dejjem tizdied. Peress illi s-sentenza qed tinghata ghaxar snin wara l-incident, m’huwiex ser jitnaqqas ebda ammont minhabba “lump sum payment”.

“Ghalhekk;

“Lm6000 x 35 x 15% = Lm31,500, ekwivalenti ghal €73,375.26.

“L-atturi talbu ukoll imghaxijiet. Il-Qorti tqis li ma hemm ebda raguni li twarrab mill-principju “in illiquidis non fit mora” u ghalhekk l-imghax ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

“Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

“1. Filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-incident tal-10 ta’ Marzu 2001 gara htija ta’ Duncan Galea;

“2. Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara li Joseph Zammit sofra danni fl-ammont ta’ €5853.72 ekwivalenti ghal Lm2513;

“3. Tiddikjara li Paul Zammit sofra danni fl-ammont ta’ €73,375.26;

> "4. Tikkundanna lil Duncan Galea ihallas lil Joseph Zammit is-somma ta' €5853.72 u lil Paul Zammit is-somma ta' €73,375.26.

> "L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Duncan Galea."

Rat ir-rikors tal-konvenut li permezz tieghu talab, kif gia` ssemma, illi din il-Qorti:

> "... ... mitluba li thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 11 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet premessi u tilqa' dan l-appell, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati."

Rat ir-risposta tal-intervenuta fil-kawza li permezz taghha irremettiet ruhha ghall-eventwali decizjoni ta' din il-Qorti, b'dan li ma kellhiex tigi kkundannata thallas spejjez, hlief dawk taghha stess;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkunsidrat:

**<u>Aggravji tal-Konvenut</u>**

Kif inghad, l-appellant qed jappella mis-sentenza l-ewwel nett ghaliex qed jghid li l-ewwel Qorti injorat ghal kollox il-prezenza tas-socjeta` intervenuta fil-kawza meta giet biex taghti s-sentenza; ghaliex qed isostni li m'ghandux jigi ritenut responsabbli ghall-incident inkwistjoni u wkoll ghaliex jargumenta li anke jekk is-sentenza tigi konfermata ghal dik li hija htija, huwa ghandu jigi kkundannat ghal hlas ta' danni inqas minn dak ordnat mill-ewwel Qorti. Ta' min jispecifika f'dan l-istadju illi ghalkemm l-appellant jelenka sitt aggravji, dawn jistghu jigu migbura b'dan il-mod.

**L-ewwel aggravju** tal-appellant huwa, kif inghad, illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ma semmiet bl-ebda mod is-socjeta` intervenuta fil-kawza u allura s-sentenza hija nulla.

Dan l-aggravju certament mhux gustifikat; kif intqal diversi drabi mill-Qrati taghna, bhal per ezempju fis-sentenza **Anthony Psaila vs Arthur Biggerstaff (Appell, 7 ta' Novembru 1988)**, *"L-intervent 'in statu et terminis' mhux imdahhal fil-gudizzju pendenti bejn il-kontendenti la bhala attur u lanqas bhala konvenut. Ghalhekk fil-kaz ta' ezitu favorevoli ghalih ma jistax jesegwixxi s-sentenza u fil-kaz ta' ezitu sfavorevoli ghalih is-sentenza ma tistax tigi esegwita kontra tieghu."* Ghalhekk ma kien hemm xejn x'jigi deciz fir-rigward tal-intervenuta f'dan il-kaz hlief fir-rigward tal-ispejjez taghha. F'dan l-aspett huwa minnu pero` illi kif ammettiet l-istess socjeta` intervenuta fir-

risposta ghall-appell taghha, hija kellha tbati l-ispejjez taghha biss u huwa ghalhekk biss f'dan ir-rigward li din il-Qorti se tippreciza din il-kwistjoni. Dan ghaliex *"fis sistema procedurali taghna, l-intervenut mhux meqjus proprjament bhala parti fil-kawza"* **(Joseph Buhagiar v. Charles Psaila et, Appell, 31 ta' Jannar 1996)**

**It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju** jirrigwardjaw ir-responsabilita` ghall-incident. L-appellant isostni illi l-ewwel Qorti strahet esklussivament fuq is-sentenza tal-Qorti Kriminali, ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u li ma qiesitx il-fatt li huwa ghamel li seta' biex jevita l-incident.

Il-Qorti taqbel sa certu punt mal-osservazzjoni tal-appellanti illi l-ewwel Qorti strahet hafna fuq is-sentenza tal-Qorti Kriminali biex waslet ghad-decizjoni taghha, madankollu ma jidhriliex li setghet tasal ghal xi konkluzjoni ohra. Dan kien kaz li involva biss vettura wahda – ma kien hemm ebda sewwieq iehor involut u allura l-appellanti ma jistax iwahhal f'haddiehor ghall-mod kif gara l-incident. Huwa kellu zewg difizi possibbli xi jressaq u cioe` li skiddja u li kien hemm responsabilita` da parti tal-attur appellat Paul Zammit a bazi tal-principju *"volenti non fit injuria"*. Dwar dan l-ahhar punt ghalkemm ma kien hemm ebda indikazzjoni fir-rikors tal-appell, saret riferenza fit-trattazzjoni ampja orali u allura din il-Qorti se tqisu aktar 'il quddiem.

Fir-rigward ghalhekk tal-apprezzament tal-fatti, jinghad mill-ewwel li kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Vella v. Tabone** deciza minnha fit-22 ta' Ottubru 2002, il-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzamenti fattwali tal-ewwel Qorti biss *"ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara."* Din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Phyllis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li *"il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor."*

Madankollu *"Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja."* (**Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-**

**Appell, 31 ta' Mejju 2014).** Kif gia` ntqal, f'dan il-kaz din il-Qorti ma tarax kif l-ewwel Qorti kellha tasal ghal konkluzjoni diversa.

Ghalkemm ma jghidx dan specifikament, l-appellant fid-deposizzjoni tieghu qal li l-art kienet imxarba bin-nida – allura jimplika li skiddja. Anke jekk ikun stabbilit li gara hekk (u din il-Qorti tiddubita hafna minn dan) u dan kien il-kagun tal-incident il-Qorti trid tistabbilixxi jekk l-appellant jahtix ghall-incident. Dan ghaliex kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawzi fl-ismijiet **Joseph Vella v. Anthony Camilleri** (**29 ta' Jannar 1998**) u **Jason Agius v. Direttur tal-Edukazzjoni** (**30 ta' Ottubru 1995**) *"f'materja ta' skidd il-principju regolatur ma jistax ikun li skidd wahdu la huwa prova ta' negligenza u lanqas skriminanti."* Biss *"biex id-difiza ta' skidd tirnexxi jehtieg li s-sewwieq jipprova mhux biss li l-incident kien dovut ghal art tizloq izda wkoll li skidd sar b'ebda tort tieghu."* (**Dottor Remigio Zammit Pace noe v. George Despott, Prim'Awla 24 ta' Frar 1997**).

Kif ghalhekk jghid l-awtur **Bingham (Motor Claims Cases, pagna 122**);

*"A defence of skidding is sometimes raised in answer to a prima facie case of negligence but the modern tendency is to regard a skid as placing a heavy onus on the defendant."* Dan il-bran gie citat b'approvazzjoni fil-kawza fl-ismijiet **Hector Cassola nomine v. Christopher Vassallo** deciza mill-

Prim'Awla fit-28 ta' April 1987. Anke f'kawza ohra **Paul Vassallo v. Carmelo Pace (5 ta' Marzu 1986, Qorti tal-Appell)**, intqal illi *"min jallega li dak li gara kien dovut ghal* ***inevitable accident*** *bhalma qed jaghmel il-konvenut f'dan il-kaz fejn jghid li dak li gara hu dovut ghal* ***casus****, ghandu l-obbligu li jipprovah*."

Ghalhekk ghal appellanti lanqas ma kien ikun bizzejjed jipprova li huwa skiddja izda wkoll li dak l-iskidd ma kienx dovut ghas-sewqan tieghu u ma hemm ebda dubju li huwa naqas li jaghmel dan. Gie stabbilit li f'kazi simili jkun hemm *prima facie* prova tan-negligenza tad-*driver* (ara s-sentenza **Domenico Spiteri v. Graham Spencer, 16 ta' Novembru 1957).**

F'kawza civili d-decizjoni trid tinghata fuq preponderanza tal-provi u din il-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, hija konvinta skont dawn il-parametri li l-atturi appellati ressqu provi li jikkonvincuha mill-fatt li l-konvenut appellanti kien responsabbli ghall-incident inkwistjoni.

Dwar l-aggravju tal-*volenti non fit iniuria*, il-Qorti jidrilha li d-definizzjoni klassika ta' dan il-principju hija dik ta' **Charlesworth** (Law of Negligence Pagna 498) u cioe` *"A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused by him by any of the risks he agreed to*

*run."* (Citat b'approvazzjoni fis-sentenzi fl-ismijiet **Vassallo v. Pace – Appell 5 ta' Marzu 1986, Caruana v. Camilleri – Prim'Awla 13 ta' Frar 2001** u **Turner v. Agius – Appell 28 ta' Novembru 2003**).

Fl-ewwel kaz (**Vassallo v. Pace**) il-Qorti tal-Appell iccitat estensivament lill-istess awtur (l-istess pagna 498) li qal illi *"the first point is that the Courts will not find the existence of an implied agreement unless the person who is alleged to have made it had full knowledge of the nature and risk to be run. The other point is that although plaintiff had full knowledge of the risk and with that knowledge in fact incurred it, he will not be prevented from recovering unless the circumstances are such as to show that in incurring that risk he did it on terms that the loss should fall on him and not on some other person. This is because as often has been pointed out, the maxim is* ***volenti non fit iniuria*** *and* ***not scienti non fit iniuria."***

Huwa evidenti illi f'dan il-kaz ma hemm ebda prova li l-appellat Paul Zammit kellu xi forma ta' ftehim mal-appellanti f'dan is-sens. Fuq dan l-aspett il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza pjuttost ricenti taghha fil-kawza l-ismijiet **Frank Brincat et v. Claudia Camilleri** deciza fit-30 ta' Mejju 2014.

Ghalhekk l-aggravju dwar ir-responsabilita` huwa respint.

**Il-hames u s-sitt aggravji** huwa dwar il-*quantum* tad-danni likwidati favur l-atturi mill-ewwel Qorti.

L-ewwel nett l-appellant jistaqsi, kif mill-provi jirrizulta, li ghall-ewwel meta gie ezaminat l-isptar, l-appellat Paul Zammit gie certifkat li ma kellux griehi serji u wara circa xahrejn irrizulta li kellu ksur li gie certfikat li kkawzawlu debilita` permanenti ta’ 15% kif ikkonkludew il-periti addizjonali f’din il-kawza. Ghalkemm Dr. Zammit Maempel li ezamina lill-appellat imsemmi fil-kors tal-kawza tieghu ma setax jeskludi li f’dawk ix-xahrejn seta’ gara xi haga li aggrava s-sitwazzjoni tal-appellat, u lanqas din il-Qorti ma tista’ teskludi li kien hemm xi nuqqas da parti tat-tobba illi ezaminawh wara l-incident, ma hemm ebda prova li l-Qorti tista’ twassalha biex tikkonkludi li l-hsara li sofra l-appellat Paul Zammit ma kienx rizultat tal-incident inkwistjoni.

Kwantu ghall-ammont likwidat, kif jidher mis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti llikwidat dan l-ammont ibbazat fuq salarju ta’ Lm6,000 ghal 35 sena. Din il-Qorti jidrilha li wiehed mill-aktar pronunzjamenti ricenti taghha fir-rigward u cioe` dik fis-sentenza fl-ismijiet **Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited (31 ta’ Jannar 2014)** ghandu jservi ta’ gwida. F’dik is-sentenza l-Qorti qalet fost affarijiet ohra li:

*"Dwar il-multiplier ta' 40 li uzat l-ewwel Qorti, meta tqis li l-attur kellu 23 sena meta wegga', u meta tqis ukoll li l-hajja lavorattiva qeghdha dejjem tizdied, izda, min-naha l-ohra, meta tikkonsidra l-element tac-"chances and changes in life", li minn dejjem gie kkonsidrat bhala parti integrali mill-komputazzjoni tal-hsara, izda li l-ewwel Qorti donnha ma qisietx, tara' li multiplier ta' 35 ikun wiehed aktar gust. Kif tghid l-awtrici* ***Vivienne Harpwood*** *fil-ktieb "****Modern Tort Law****" (ediz. 2009, pagna 438):*

*""Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystall ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future."*

*"Din il-Qorti, fil-kawza* ***Gauci v. Bugeja****, deciza fis-27 ta Novembru, 2009, ikkummentat li, fil-verita`, wiehed ma jistax jaghti previzjoni tal-hajja lavorattiva, u kien fid-dawl ta' dan li ddahhal fil-gurisprudenza l-fattur tac-"chances and changes of life". B'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri osservat illi: "il-kuncett ta' "the changes and chances of life", gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. … tenut kont ta' dan isegwi li l-working life expectancy ma ghanux ikun ikkunsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-"multiplier".*

*"Hekk ukoll, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kaz* ***Busuttil et v. Farrugia****, deciza fl-4 ta' Ottubru, 2011, ghamlet din l-osservazzjoni fir-rigward ta' guvni li kien se jaghlaq tmintax (18) –il sena.*

*"Din il-Qorti tqis li ghalkemm hemm gurisprudenza fis-sens li l-multiplier ghandu jsir a bazi tal-eta` penzjonabbli pero` hemm gurisprudenza u din il-Qorti tqis li hi aktar gusta u ekwa li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni c-chances and changes of life li ma jfissrux necessarjament li persuna necessarjament ser tibqa' tahdem sal-eta` penzjonabbli specjalment meta din ic-cirkostanza fil-kaz partikolari kienet ghadha 'l boghod hafna."*

Tenut kont ta' dan kollu l-Qorti ghalhekk se tnaqqas il-*multiplier* applikabbli f'dan il-kaz ghal 30 sena minflok 35 ghaliex l-appellat dannegjat kellu 27 sena meta gara l-incident. Taqbel pero` mal-ewwel Qorti illi ma ghandu jsir ebda

tnaqqis ghal hlas f'daqqa (hekk imsejjah *lump sum deduction*) minhabba t-trappas tas-snin biex giet deciza l-kawza (u per konsegwenza d-danneggjat ma gawdiex mill-imghaxijiet relattivi) u li l-likwidazzjoni ssir a bazi ta' disabbilita` ta' 15 fil-mija kif indikaw l-esperti addizzjonali. Ghalhekk l-ammont li l-appellant ghandu jhallas lill-Paul Zammit isir Lm6,000 X 30 X 15% = Lm27,000 ossija €62,910. Ma sarx appell specifiku (fis-sens li ma ssemma fl-ebda aggravju) mill-ammont dovut lill-Joseph Zammit ghall-hsara fil-vettura tieghu.

L-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-Prim'Awla fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi ricenti fir-rigward – ara per ezempju **Vassallo v. Camilleri** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2014), **Brincat v. Camilleri** (supra) u **Turner v. Agius** ukoll gia` citata fejn intqal illi:

> *"Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti rriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni proprju minhabba l-principju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti ziedet pero` li l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda kien naqas milli jiddepozita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabilita`..."*

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tichad it-talba tieghu biex jigi dikjarat li mhux responsabbli ghal incident imsemmi fic-citazzjoni u d-danni konsegwenzjali izda tilqghu fir-rigward tal-ammont li ghandu jhallas lill-appellat Paul Zammit dan billi tordna li s-somma li huwa ghandu jhallas lill-atturi tkun ta’ tnejn u sittin elf, disa’ mija u ghaxar Euro (€62,910) minflok dik likwidata mill-ewwel Qorti u tikkonfermaha ghal kumplament komprizi l-ammont li ghandu jhallas lill-appellat Joseph Zammit bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza appellata. L-ispejjez tal-ewwel istanza kif deciz f’dik is-sentenza appellata hlief ghas-socjeta` intervenuta li ghandha thallas l-ispejjez taghha; dawk tal-appell ghandhom jithallsu kwantu ghal sitta minn sebgha ($^{6}/_{7}$) mill-appellanti u settima parti ($^{1}/_{7}$) mill-appellat Paul Zammit; izda s-socjeta` intervenuta fil-kawza ghandha thallas ukoll l-ispejjez taghha tal-appell.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------